31986D0485

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Settembru 1986

li temenda d-Deċiżjoni 81/92/KEE fir-rigward tal-lista ta' stabbilimenti fl-Urugwaj approvata għall-iskop ta' importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità

(86/485/KEE)

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar problemi ta' saħħa u spezzjonijiet veterinarji rigward l-importazzjoni ta' annimali bovini u ħnieżer u laħam frisk minn pajjiżi terzi [1] kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 [2], u b' mod partikolari l-Artikoli 4(1) u 18 (1) tiegħu,

Billi lista ta' stabbilimenti fl-Urugwaj, approvata għall-iskop ta' importazzjoni ta' laħam frisk fil-Komunità, kienet imfassla fil-bidu b'Deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet emendata u pubblikata minn Deċiżjoni 81/92/KEE [3], kif emendata l-aħħar minn Deċiżjoni 86/147/KEE [4];

Premess li spezzjoni ta' rutina taħt l-Artikolu 5 ta' tad-Direttiva 72/462/KEE u l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 86/474/KEE tal-11 ta' Settembru 1986 li tikkonċerna spezzjonijiet fuq il-post li għandhom isiru fir-rigward ta' l-importazzjoni ta' annimali bovini u ħnieżer u laħam frisk minn pajjiżi li mhumiex membri [5] stabbiliet li l-livell ta' iġene fi stabbiliment wieħed inbidel mill-aħħar spezzjoni;

Billi l-lista ta' stabbilimenti għandha għalhekk tiġi emendata;

Billi l-miżuri provduti għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 81/92/KEE hu hawnhekk mibdul bl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Pajjiżi Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Settembru 1986.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Vici President

---

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.
[3] ĠU L 58, tal-5.3.1981, p. 43.
[4] ĠU L 112, tad-29.4.1986, p. 41.
[5] ĠU L 279, tat-30.9.1986, p. 55.

L-ANNESS

LISTA TA' STABBILIMENTI

Numru ta' approvazzjoni	Stabbiliment	Indirizz
	I. LAĦAM TAL-BOVINI	
	Biċċeriji u stabbilimenti ta' tqattigħ	
2	Frigorífico Colonia	Tarariras, Colonia
3	Frigorífico Carrasco	Paso Carrasco, Canelones
8	Frigorífico Canelones	Canelones, Canelones
12	Frigorífico Tacuarembo	Tacuarembo
20	Frigorífico Comargen	Las Piedras, Canelones
55	Frigorífico Elbio Pérez Rodríguez	San José
106	Frigorífico Inprogan	La Paz, Canelones
344	Frigorífico San Jacinto	San Jacinto, Canelones
394	Frigorífico Cybaran	Salto
	II. LAĦAM TAN-NAGĦAĠ	
	Biċċeriji u stabbilimenti ta' tqattigħ	
8	Frigorífico Canelones	Canelones, Canelones
20	Frigorífico Comargen	Las Piedras, Canelones
106	Frigorífico Inprogan	La Paz, Canelones
344	Frigorífico San Jacinto	San Jacinto, Canelones
394	Frigorífico Cybaran	Salto
	III. LAĦAM TAŻ-ŻIEMEL	
	Biċċeriji u stabbilimenti ta' tqattigħ	
303	Frigorífico Clay	Pando, Canelones
	IV. FRIŻI	
10	Frigorífico Modelo	Planta Propios, Montevideo
77	Sire, Peñarol	Montevideo
87	Frigorífico Santos Arbiza	Montevideo
175	Frigorífico Corfrisa	Las Piedras, Canelones
903	Frigorífico Acer	Montevideo